**Anness 3**

# MUDELL TA' POLITIKA KONTRA L-FRODI[1]

[*dan il-mudell jissuġġerixxi kif l-awtorità ta' ġestjoni (MA) tista' ssejjes dikjarazzjoni dwar il-politika tagħha kontra l-frodi, u tinkludi wkoll impenn mingħand l-awtorità tal-awditjar*]

## Introduzzjoni

L-Awtorità ta' Ġestjoni (MA) għal [*daħħal id-dettalji*] hija impenjata li żżomm standards legali, etiċi u morali għolja, li tħares il-prinċipji ta' integrità, oġġettività u onestà u tixtieq li titqies bħala **kontra l-frodi u l-korruzzjoni** fil-mod li bih twettaq in-negozju tagħha. Il-membri kollha tal-persunal huma mistennija jaqsmu dan l-impenn. L-għan ta' din il-politika huwa li jippromwovi kultura li twaqqaf l-attivitajiet ta' frodi u jiffaċilita l-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' frodi u l-iżvilupp ta' proċeduri li jgħinu fl-investigazzjoni ta' frodi u offiżi relatati u jiżguraw li każijiet bħal dawn jiġu ttrattati fil-ħin u b'mod xieraq.

Hemm proċedura fis-seħħ għad-**divulgazzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interessi.**

It-terminu frodi huwa wżat ħafna biex jiddeskrivi firxa wiesgħa ta' kondotta ħażina inkluż is-serq, korruzzjoni, miżappropprjazzjoni, tixħim, falsifikazzjoni, rappreżentazzjoni ħażina, il-kollużjoni, il-ħasil tal-flus u l-ħabi ta' fatti materjali. Ħafna drabi jinvolvi l-użu tal-qerq biex isir gwadann personali, persuna relatata jew parti terza, jew telf għall-ieħor - l-intenzjoni hija l-element prinċipali li jiddistingwi frodi minn irregolarità. Il-frodi m'għandhix biss impatt finanzjarju potenzjali, iżda tista' tikkawża ħsara għar-reputazzjoni ta' organizzazzjoni responsabbli għall-ġestjoni tal-fondi b'mod effettiv u effiċjenti. Dan huwa ta' importanza partikolari għal organizzazzjoni pubblika responsabbli għall-ġestjoni tal-fondi tal-UE. Il-korruzzjoni hija l-abbuż ta' poter għal profitt privat. Hemm kunflitt ta' interessi fejn l-eżerċizzju imparzjali u oġġettiv tal-funzjonijiet uffiċjali ta' persuna jkun kompromess għal raġunijiet li jinvolvu l-familja, il-ħajja emozzjonali, l-affinità politika jew nazzjonali, l-interess ekonomiku jew kwalunkwe interess kondiviż ieħor ma', pereżempju, applikant għal, jew benefiċjarju ta' fondi tal-UE.

## Responsabbiltajiet

- Fi ħdan l-Awtorità ta' Ġestjoni, ir-responsabbiltà ġenerali għall-ġestjoni tar-riskju ta' frodi u korruzzjoni ġiet delegata lil [*daħħal id-dettalji tad-dipartiment jew persuna*] li hija responsabbli għal
    - Rieżami regolari, bl-għajnuna ta' tim ta' valutazzjoni tar-riskju, tar-riskju ta' frodi;
    - L-istabbiliment ta' politika effettiva kontra l-frodi u l-pjan ta' rispons kontra l-frodi;
    - L-iżgurar tas-sensibilizzazzjoni għall-frodi tal-persunal u taħriġ rilevanti;
    - L-iżgurar illi l-Awtorità ta' Ġestjoni tirreferi minnufih investigazzjonijiet lill-korpi investigattivi kompetenti meta dawn iseħħu;

[1] Id-dikjarazzjoni dwar il-politika kontra l-frodi, flimkien ma' proċeduri ta' valutazzjoni tar-riskju tal-frodi adegwata u l-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi permezz ta' pjan ta' azzjoni (kull darba li r-riskju nett wara l-kontrolli huwa sinifikanti jew kritiku), huma komponenti prinċipali tal-programm jew strateġija kontra l-frodi tal-awtorità ta' ġestjoni.

- Is-sidien/maniġers tal-Awtorità ta' Ġestjoni huma responsabbli għat-tmexxija ta’ kuljum tar-riskji tal-frodi u pjanijiet ta’ azzjoni, skont il-valutazzjoni tar-riskji u b’mod partikolari għal
    - L-iżgurar ta' sistema adegwata ta’ kontroll intern fil-qasam ta’ responsabbiltà tagħhom;
    - Il-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-frodi;
    - L-iżgurar tad-diliġenza dovuta u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta’ prekawzjoni f’każ ta’ suspett ta’ frodi
    - It-teħid ta' miżuri korrettivi, inkluż kull penali amministrattiva, kif rilevanti.
- L-Awtoritajiet ta' Ċertifikazzjoni għandhom sistema li tirreġistra u taħżen informazzjoni affidabbli dwar kull operazzjoni; huma jirċievu informazzjoni xierqa mill-Awtorità ta' Ġestjoni dwar il-proċeduri u l-verifiki li jsiru b'rabta mal-infiq
- L-Awtorità ta’ Awditjar għandha r-responsabbiltà li taġixxi skont standards professjonali[2] fil-valutazzjoni tar-riskju ta’ frodi u l-adegwatezza tal-qafas ta’ kontroll fis-seħħ.

**Rappurtar ta’ Frodi**

L-Awtorità ta' Ġestjoni għandha fis-seħħ proċeduri għar-rappurtar ta’ frodi, kemm internament kif ukoll lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi [... *daħħal id-dettalji ta’ dawk il-linji ta’ rappurtar intern u rappurtar għall-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi*....].

Ir-rapporti kollha jiġu ttrattati b'mod mill-aktar kunfidenzjali u skont [... *daħħal id-dettalji rilevanti ta’ Protezzjoni tad-Dejta/l-Att ta’ Żvelar*...]. Il-persunal li jirraporta l-irregolaritajiet jew frodi suspettati huwa protett minn ritaljazzjoni.

**Miżuri kontra l-frodi**

L-Awtorità ta' Ġestjoni għandha tistabbilixxi miżuri proporzjonati kontra l-frodi bbażati fuq valutazzjoni eżawrijenti tar-riskju ta’ frodi (ara l-gwida tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 125.4 c)). B’mod partikolari, il-valutazzjoni tuża għodda tal-IT biex tikxef operazzjonijiet riskjużi (bħal ARACHNE) u tiżgura li l-persunal huwa konxju tar-riskji ta’ frodi u jirċievi taħriġ kontra l-frodi. L-Awtorità ta' Ġestjoni twettaq rieżami vigoruża u fil-pront dwar il-każijiet kollha ta’ frodi suspettati u reali li seħħew bil-għan li ttejjeb is-sistema interna ta’ ġestjoni u kontroll fejn meħtieġ. *[... daħħal id-dettalji tal-proċeduri ta’ reviżjoni...].*

**Konklużjoni**

Il-frodi tista’ timmanifesta ruħha f’ħafna modi differenti. L-Awtorità ta' Ġestjoni għandha politika ta’ tolleranza żero għall-frodi u l-korruzzjoni, u għandha fis-seħħ sistema ta’ kontroll robusta li hija intiża biex tipprevjeni u tiskopri, sa fejn ikun prattiku, atti ta’ frodi u tikkoreġi l-impatt tagħhom, jekk dawn iseħħu.

[*Ħassar jew żomm, fejn xieraq:*] Din il-politika u l-proċeduri u l-istrateġiji kollha rilevanti huma appoġġjati minn [*…daħħal it-titolu tal-korp ta' sorveljanza li se japprova l-Politika kontra l-Frodi, pereżempju Bord.*.] li se jirrevedihom u jaġġornahom b'mod attiv fuq bażi regolari.

[2] L-Istandards Internazzjonali għall-Prattika Professjonali tal-Awditjar Intern u l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar